NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 52 - L-ERBGĦA 14 TA' NOVEMBRU 2012**

**LAQGĦA B'URĠENZA**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-7:38pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier (waslet fit-19:53) |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Ma laħħaqx wasal: | Clifford Galea | Kunsillier |
| Skużata: | Maryanne Cuomo | Kunsillier/Chairperson BIC |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. APPOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier Cuomo kienet avżatu permezz ta' email li mhux possibli li tattendi (kopja annessa f'A). Din ġiet meqjusa mill-Kunsill bħala skużata. Informa wkoll li l-Kunsillier Galea kien avżah bit-telefon li se jittardja għaliex kellu impenji oħra. *Aktar tard, meta l-laqgħa kienet kważi spiċċat kien infurmah li jinsab fit-triq iżda l-laqgħa laħqet spiċċat qabel ma wasal.*

**2. IL-PROĠETT TA' TRIQ V. BORON**

2.1. Is-Sindku infurmat li kienet għamlet il-kuntatti u l-insistenza neċessarja mal-awtoritajiet biex finalment wasslet biex il-Kunsill kien infurmat uffiċjalment li l-Gvern Ċentrali se jiffinanzja s-somma ta' €87,000 biex issir il-fażi ta' Triq V. Boron. Għalkemm il-Kunsill kien qabel fil-prinċipju mal-proġett sħiħ, ħasset li kellha ġġib l-approvazzjoni tal-Kunsill biex ikun jista' jibda l-ewwel fażi li tikkonsisti mit-triq. Il-Kunsill huwa mistenni li jipproċedi malajr u kien għalhekk li qed tressaq dan is-suġġett b'urġenza.

2.2. Il-Kunsill qabel unanimament li jipproċedi bil-proġett.

## 3. STEDINA GĦAĊ-ĊINA

3.1. Is-Sindku u s-SE spjegaw kif waslet l-istedina, li informazzjoni dwarha kienet ngħatat qabel permezz tal-email. Kien spjegat li l-Ambaxxatur Ċiniż għal Malta kien talab u iltaqa' mas-Sindku u s-SE biex iwassal l-istedina personalment. Madanakollu intweriet ix-xewqa li l-istedina tasal bil-kitba u kien hawn hekk li l-Kunsillieri setgħu jiġu infurmati. Kien spjegat ukoll li l-ispejjeż tal-Kunsill kienu jinvolvu t-titjiriet minn u lejn iċ-Ċina filwaqt li l-ispejjeż kollha l-oħra ta' akkomodazzjoni, ikel u vjaġġar intern se jkun provdut miċ-Ċina. Is-SE informa wkoll li min-naħa tal-Ambaxxata kienu qed jitolbu l-konferma minħabba li riedu jagħmlu l-arranġamenti u kien għalhekk li kienet meħtieġa deċiżjoni malajr.

3.2. Is-Sindku imbagħad talbet għall-kummenti tal-membri.

3.3. Il-Kunsillier Miceli li ħadd ma kien kontra li s-Sindku u s-SE jilqgħu l-istedina iżda hi tħoss li l-ispejjeż għall-vjaġġi kellhom iħallsuhom huma personalment u mhux il-Kunsill.

3.4. Il-Kunsillier Sammut iddikjara li huwa kellu biss punt ta' prinċipju għaliex kien magħruf li l-Gvern Ċiniż ma kienx jagħti d-drittijiet lill-ħaddiema kif aħna mdorrijin fl-Ewropa u għalhekk ma xtaqx li l-Kunsill jidher b'xi mod li huwa parteċipi jew li qed jappoġġja sfruttament ta' ħaddiema. Għalhekk, filwaqt li ddikjara li ma kienx kontra li tintlaqa' din l-istedina b'finanzjament tal-Kunsill, talab li, jekk ikunu diskussi xi proġetti, għandha tittieħed din inkonsiderazzjoni.

3.5. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami saħqet li dan huwa ta' unur għall-Kunsill u għalhekk għandha tintlaqa' l-istedina u li jiffinanzja l-Kunsill.

3.6. Il-Kunsillier Brincat ħass li ċertu kummenti li għadda s-SE permezz tal-*email* ma kinux f'lokhom. Is-SE iddikjara li dawk il-kummenti għamilhom biss fil-konfront ta' kummenti oħra li għaddew u mhux biex iżid xi mertu lil xi ħadd.

3.7. Kien spjegat ukoll lill-Kunsillieri li matul din il-laqgħa l-Ambaxxatur mill-ewwel indika li s-Sindku kellha tkun il-kap tad-delegazzjoni u li l-istedina hija miftuħa għas-Sindku u r-raġel, Sindku ieħor u l-mara/ir-raġel u għas-SE tan-Naxxar (total ta' ħames persuni). Sa dak il-ħin ma kien hemm l-ebda Sindku ieħor indikat. L-Ambaxxatur imbagħad indika li jixtieq li jinkludi lis-Sindku ta' San Ġiljan minħabba li l-Ambaxxatur għandu r-residenza tiegħu propju f'San Ġiljan. Madanakollu l-Ambaxxatur talab għall-konferma tas-Sindku tan-Naxxar jekk għandux jgħid lilu jew le.

3.8. Il-Viċi Sindku semma li l-istedina tas-SE kienet bħala President tal-Assoċjazzjoni u mhux bħala SE tal-Kunsill. Madanakollu kien spjegat li, sakemm għamel l-istedina l-Ambaxxatur lanqas biss kellu idea li s-SE huwa l-President ta' ANSEK u għalhekk dan kien biss raġuni biex jiġġustifika aħjar għaliex għażel lis-SE tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar u m'għażilx ta' San Ġiljan. Ma kienx possibli li jintgħażlu t-tnejn.

3.9. F'dan l-istadju s-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill li jkunu ffinanzjati l-vjaġġi tas-SE u tagħha mill-Kunsill. Meta ttieħed il-vot tlieta vvutaw favur u erbgħa astjenew.

3.10. Kien hemm diskussjoni qasira jekk dan ifissirx li l-proposta għaddiet filwaqt li kien hemm qbil li dan huwa vot li għadda. Is-SE però informa li kien se

jindaga mad-Dipartiment u mal-Avukat tal-Kunsill biex jaċċerta li dan il-vot għadda.

**4. TMIEM IL-LAQGĦA**

4.1. Il-laqgħa imbagħad intemmet fit-8:05pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

# A

Gmail by Google

Paul Gatt <[redacted]>

## Laqgha b'urgenza

**Maryanne** <[redacted]> 13 November 2012 15:39
To: Paul Gatt <[redacted]>
Cc: AnneMarie Muscat Fenech Adami <[redacted]>, Clifford Galea <[redacted]>, Clinton Sammut <[redacted]>, Marlon - mario Brincat <[redacted]>, Noel Councillor Gatt <[redacted]>, Paul Gov <[redacted]>, Pauline Miceli <[redacted]>, Pierre Sciberras <[redacted]>, Naxxar Local Council at DLG <naxxar.lc@gov.mt>, "Mayor Maria F. Deguara" <[redacted]>

Dear Paul,

I am sorry, but I cannot attend tomorrow due to other commitment at that time.

I will be available between 4.00pm and 6.00pm only.

Regards,

Maryanne Cuomo
Chairperson - Bahar ic-Caghaq Administrative Committee